MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2014

Rikors Numru. 278/2014

**A B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fl-erbgha u ghoxrin (24) ta’ Marzu tas-sena elf disgha mija u hamsa u disghin (1995) liema zwieg jinsab registrat fir-Registru Pubbliku bir-registrazzjoni numru 283/1995 (Dok A) ;

Illi minn dan iz-zwieg l-partijiet kellhom tifel wiehed li huwa maggorenni u ghalhekk ebda manteniment ma huwa dovut ;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta’ sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tas-27 ta’ Gunju 2002 RCP kawza numru 563/00 RCP fl-ismijiet A B f’isimha proprju kif ukoll bhala kuratrici ad litem ta’ bintha minuri Nikita vs C B (Dok B) liema ilha res judicata ;

Illi l-uniku tifla tal-partijiet Nikita B ghandha 18-il sena u tahdem full-time ;

Illi m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li l-partijiet ilhom separati ghal kwazi ghoxrin sena llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma persuni ohrajn ;

Illi arretrati ta’ manteniment ma hemmx ;

Illi l-mara tixtieq li tirriverti lura ghal kunjomha ta’ xebba u cioe’ ‘Borg’ u dan ai termini tal-art 62 tal-Kap. 16 ;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti, m’ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall ta' zwieg li gie celebrat fl-24 ta' Marzu 1995;
2. Tilqa t-talba tar-rikorrenti sabiex hija tirriveri ghal kunjomha xebba 'Borg';
3. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat in-nota guramentata tal-intimat, li permezz taghha iddikjara li ma jopponix ghat-talbiet fir-rikors tar-rikorrenti;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-22 ta' Awissu, 2014;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti talbet lill-Qorti sabiex tigi awtorizzata tirriverti lura ghal kunjom xbubita u cioe' Borg. L-intimat ma oggezzjonax ghal din it-talba u ghaldaqstant il-Qorti qeghda tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' Borg;

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-27 ta' Gunju 2002;

Illi ir-rikorrenti ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' Borg u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------